Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 76 / 2018

Il-Pulizja

Spetur Joseph Busuttil

Spettur Matthew Spagnol

Vs

*Omissis*

Illum 15 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, *Omissis* detenur tal-karta tal-identita Maltija 130963A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gżejjer, ġewwa Triq Burma u Triq San Ġorg Preca, Pembroke, nhar il-Ġimgha, 25 ta' Diċembru, 2015 għal ħħbta tas-sagħtejn ta' filgħodu;

Ipparteċipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioe' *Omissis* ID: 95199M.

Aktar talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil *Omissis* ID: 95199M sabiex toqgħod ghal xi ħaga li toffendi il-misthija tas-sess tagħha;

Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' *Omissis* ID: 95199M;

Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' *Omissis* ID: 95199M sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;

Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi ġera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b' perikolu li jahbat ma' xi ħadd u jwegggħu;

Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi f' lok pubbliku kien jinsab fis-sakra b' mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f' każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta tal-vittma *Omissis* ID: 95199M.

Il-Qorti giet mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f' każ ta' ħtija ma' kull piena li l' Qorti jidrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-14 ta' Novembru 2016 u senjatament l-Artikoli 17, 204C(1)(2)(a), 86, 87(1)(g), 339 (1)(d) u 338(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u ikkundannatu erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentement illiberatu minnha. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1)

imputazzjoni li tagħha l-imputat instab ħati il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-hruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma *Omissis* u l-familjari tagħha.

Sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri konċernata l-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u l-familja tagħha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija, tnejn u sebgħin ewro u erbgħa u sittin centezmu (€372.64) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f' dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant *Omissis*, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tannulla s-sentenza appellata; jew,
2. Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ma instabitx htija tieghu u tikkancellaha fil-bqija fejn l-appellant instab hati u wara tilliberah minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu; jew
3. Fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi f' kaz ta' konferma ta' sentenza tigi erogata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti fis-semplicita' taghhom jikkonsistu f' dawn li gejjin:

**Nullita' tas-sentenza:**

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta' Novembru, 2016 (a fol. 207), l-Avukat Generali indika l-Artikoli li l-Qorti kellha tiehu konjizzjoni taghhom biex hija tasal biex taghmel il-gudizzju. Il-Qorti sabet lill-appellant hati tar-raba' akkuza-izda kwotat l-artikolu 338(c) liema artikolu la gie kwotat minn l-Avukat Generali u tali artikolu ma ghandu xjaqsam xejn mal-fatti ta' dan il-kaz.

**Sentenza li legalment u ragonevolment ma setghetx tinghata**

Illi b' umilta' u rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, il-konkluzjoni ta' sejba ta' htija ma setghetx tintlahaq legalment u lanqaas ragonevolment ghaliex l-evidenza prezentata mill-Prosekuzzjoni hija skarsa, kunfliggenti u ma tilhaqx il-grad rikjest mil-ligi li ma thalli l-ebda dubju rigward il-htija tal-akkuzat. Dan huwa principju kardinali tal-procedura kriminali li huwa stabillit fil-gurisprudenza Maltija fosthom il-kaz: ' Il-Pulizija vs. Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga' minn l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-Appell li gie konkluz nhar l-14 ta' Diecembru fejn gie kwotat il-gurist Manzini: ' "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit."

**Konflit ta' provi:**

Illi *Omissis* tghid li l-attakant taghha ghasfaha ma' hajt, prova jigdmilha sidirha, zammha minn ghonqha u fl-istess hin waqt li beda jzommha minn ghonqha uza idu l-ohra biex imissha minn taht il-libsa u jdahhal idu f' halqha (a fol. 67 u 68).

*Omissis* hija tfajla ta' certu statura u kwazi sitt (6) piedi twila (a fol. 75) u kif hija stess xhedet, l-attakant taghha kien ilahhaq 'sa taht in-nuccali jew imniehri,' (a fol. 69). Illi l-appellant huwa ragel ta' statura zghira u hafna iqsar mill-attakkant li tiddeskrivi *Omissis*. Fil-fatt huwa inqas minn hames (5) piedi twil u ghalekk hafna iqsar minn

*Omissis* u zgur mhux twil bizejjed biex jasal sat-tul li hija iddeskriviet li kellu l-attakant taghha.

Illi l-Ispettur Busuttil ipprezenta ritratti tal-hwejjeg li *Omissis* kienet liebsa dakinhar tal-attakk (Dok LZ18 u LZ19) fejn jidher ' coat' iswed. Hija iddeskriviet bir-reqqa ukoll dak li kien liebes l-attakant taghha fix-xhieda taghha (a fol. 69):

' … kien liebes pulit, kellu flokk, kellu qmis bajda minn taht u kellu qisu polo blu bir-rigi bojod. Issa r-rigi bojod kienu naqra ikbar minn xulxin, kienu differenti. Hemm kien liebes zarbun iswed u qalziet pulit.'

Illi l-persuni li jidhru miexjin fl-' still images' estrapolati mis-CCTV ' camera' ta' dar fi-Triq l-Imhallef William Harding (minn Dok JV1 u Dok JV4), jidhru liebsin hwejjeg differenti minn dawk li kienet liebsa *Omissis* u l-attakkant taghha. Il-mara fl-' istils' liebsa ' coat' li jidher car u mhux iswed kif kienet liebsa *Omissis* dakinhar tal-attakk, filwaqt li r-ragel jidher liebes flokk irrigat, b' rigi indaqs u ' jeans' car.

Ghaldaqstant l-espert tekniku li gie inkarigat mill-Qorti biex jestrapola dawn l-' istils' u janalizza l-kontenut ta' Dok JV1 u Dok JV4 li jhaddnu l-filmati tas-CCTV ' cameras,' Dr. Steve Farrugia Sacco, wasal ghall-konkluzjoni li ma jistax jikkonferma li l-hinijiet u d-dati li jidhru fuq l-' istils' huma verament il-hin u d-data reali ta' meta ittiehed il-filmat (Dok B).

Ghalekk dawn l-' istils' m' ghandhomx ikunu ikkunsidrati ammissibbli ghaliex mhux talli ma jistax jigi ivverifikat il-hin u d-data ta' fi x' hin gew iffilmjati izda l-persuni li jidhru mixjin minn quddiem id-dar ma jidhrux li huma liebsin il-hwejjeg li kienu liebsin il-vittma u l-attakant. Dan apparti l-fatt li l-' istils' m' humiex cari bizejjed biex wiehed jaccerta l-identita' ta' persuna.

Fix-xhieda taghha, *Omissis* tghid li l-attakant kien liebes 'qalziet pulit' (a fol. 69), izda l-Ispettur Joseph Busuttil xehed li huwa staqsa lil *Omissis* u *Omissis* x' kien liebes l-attakkant u dawn qalu li kien liebes ' jeans' u kompla billi qal: ' Pero' rigward l-bicca xoghol tal-' jeans' ma enfasizzajniex wisq' (a fol. 34).

Din hija inkonsistenza li ma kelliex tigi mitfuha fil-genb ghaliex d-deskrizzjoni tal-attakkant hija l-evidenza principali f' dan il-kaz fejn il-provi tal-Prosekuzzjoni jiddependu bis-sahha u kwazi unikament fuq id-deskrizzjoni tal-attakkant.

Illi *Omissis* tiddeskrivi l-linwagg tal-attakkant taghha bhala: ' Bil-Malti. Imma jiena mill-ewwel indunajt li kellu ton Gharbi' (a fol. 65). L-appellant ma jitkellimx bil-Malti izda bl-Gharbi biss, u ghalekk mhux kapaci jitkellem bil-mod ta' kif kellimha l-attakkant taghha. Ghaldaqstant, l-appellant kellu bzonn s-servizzi ta' interpretu kemm waqt l-interrogazzjoni u anke' waqt il-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, ghaliex huwa ma jitkellimx bil-Malti u jifmhux anqas. Dan gie rikonoxxut anke mit-tabib li iccertifika l-appellant fejn b'mod car qal li l-appellant ghandu bzonn interpretu.

Ghalekk huwa car li hemm inkonsistenzi sostanzjali fid-deskrizzjoni tal-attakant versu l-appellant.

Illi d-deskrizzjoni tal-aggressur hija l-evidenza principali li giet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni biex tindika min kien dan l-attakkant izda f' din id-deskrizzjoni hemm inkonsistenzi sostanzjali li minflok gew studjati, dawn gew mitfughin fil-genb, ghalkemm fl-umli opinjoni tal-appellant, dawn izommu l-evidenza kollettivament pprezentata mill-Prosekuzzjoni biex tilhaq il-grad rikjest mil-ligi.

Illi *Omissis* xhedet li hija gidmet l-attakkant taghha (a fol. 68): ' … dahhal subghajh f' halqi, jien gdimtu gidma sew u hu beda jipprova jigbed subghajh imma jiena komplejt hemm naghfaslu idejh b' halqi …' . In kontro-ezami, *Omissis* kompliet issostni (a fol. 81): ' Le gdimtu gidma sew.'

Jekk *Omissis* gidmet l-attakkant taghha u b' forza konsiderevoli kif xhedet hi stess, jekk l-attakant taghha huwa veru l-appellant, dan kellu jkollu xi ferita jew indikazzjoni ta' din it-trauma fuq tnejn mis-swaba ta' wahda minn idejh. Ma tressqet l-ebda evidenza ta' dan mill-Prosekuzzjoni.

Illi apparti d-diversi avvanzi differenti li *Omissis* tghid li ghamel l-attakkant taghha fil-konfront taghha: prova jigdimha fuq sidirha, zammha bis-sahha minn ghonqha u

tagha daqqa ta' harta, hija ma marritx il-' Polyclinic' tfittex ghajnuna minn tabib jew ghallinqas li tiddokumenta dak li gara. *Omissis* tghid fix-xhieda taghha li ma hassitx li kien hemm bzonn ta' dan izjed meta wiehed jiehu in konjizzjoni x-xhieda taghha u dik ta' ommha *Omissis*, dan in-nuqqas iwassal ghal izjed domandi rigward dak li gara.

Illi *Omissis* xhedet li l-attakk sehh hdejn l-ewwel dar fi Triq San Gorg Preca, liema triq hija dejqa u mdawwra bid-djar miz-zewg nahat. Hija xhedet ukoll li l-attakkant dahhal subghajh f' halqa ghaliex hija qabdet tghajjat ghall-ajjut (a fol. 68). Meta wiehed jikkunsidra li t-triq hija wahda hiemda, kien il-lejl ta' qabel jum il-Milied u hemm tendenza qawwija li specjalment f' lejl bhal dak ikun hemm in-nies fit-triq, hija haga konfondanti kif hadd ma semgha xejn u ghalhekk ghall-inqas ma kien hemmx izjed xhieda tal-attakk. Tant hu hekk l-istill ipprezentati huma relevanti ghal kaz, jidhru terzi persuni fihom li l-attenzjoni taghhom seghtet tigi migbuda jekk verament kienet qed issir aggressjoni;

Illi dawn l-inkonsistenzi kif ukoll dan in-nuqqas ta' provi jidher li gie kompletament skartat mill-Qorti tal-Magistrati ghaliex ma saret l-ebda konsiderazzjoni fuq dawn in-nuqqasijiet. Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, in-nuqqas tal-Qorti li taghraf dawn il-kunflitti u dan in-nuqqas ta' provi konkreti, liema kunflitti u nuqqasijiet huma sostanzjali u ta' certu portata, ihallu dubju fuq kemm fil-verita' saret deliberazzjoni bir-reqqa fuq jekk l-appellant huwiex verament l-attakkant ta' *Omissis*.

Illi ma tistax persuna taghmel rapport ta' din in-natura, bil-konsegwenzi drastici li twassal ghaliehom sejba ta' htija b' mod daqsekk leggeru fejn hija sempliciment tishaq li l-appellant huwa l-attakkant taghha a bazi ta' deskrizzjoni konfliggenti u ambigwa tal-attakant. U dan wara li ommha - u mhux hi - allegatament identifikat l-appellant fuq it-television wara li kien gie imressaq il-Qorti fuq akkuzi simili. Apparti minn hekk, huwa fatt maghruf li fil-Gzejjer Maltin hawn hafna irgiel ta' nazzjonalita' u dehra simili ghal dik tal-appellant.

L-akkuza ta' kommissjoni ta' atti sesswali ma' persuna li ghadha taht l-eta' (Artikolu 204C):

Illi il-Ligi ma tipprovdix definizzjoni ghal dan l-att kriminali li gie introdott fis-sistema legali permezz ta' Att XXXI tas-sena 2007 u emendat permezz ta' Att IV tas-sena 2014. Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza—ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Raisa Mangion,' fejn il-Qorti tal-Magistrati tinterpreta x' ghandu jkun meqjus bhala attivita' sesswali fejn tghid: ' ghandu jkun hemm uzu tal-organi sesswali.'[1]

Illi qabel xejn u dan dejjem bl-akbar rispett, mill-qarti ta' dan l-artikolu johrog car li n-natura ta' dan l-artikolu hija wahda volontarja kemm tal-parti attiva tar-reat kif ukoll dik passiva. Fi kliem iehor din l-akkuza tista' treggi biss meta il-minuri tkun taght il-kunsens taghha sabiex issiru l-atti sesswali fuq il-persuna taghha. Jekk dan mhux il-kaz, l-ewwelnett il-legislatur ma kellux ghalfejn jintroduci dan ir-reat u dan peress li fil-Kodici Kriminali insibu artikoli ohrajn tal-ligi li jkopru tali eventwalita. It-tieni nett l-interpretazzjoni logika ta' dan l-artikolu ma ihalli l-ebda dubju li sabiex ikun hemm reita f'dan ir-rear, il-partijiet iridu jippartecipaw fl-attivita sesswali. Jekk parti passiva tkun riluttanti u tigi sfurzata kif qieghed jigi allegat f'dan il-kaz, is-segwi li qatt ma jista' jkun hemm partecipazzjoni;

Bla pregudizzju ghal dan meta *Omissis* iddeskriet l-attakk li sar fuqha, hija tghid li l-attakkant l-ewwel prova jigdimha fuq sidirha fejn kellha ' slit' fil-libsa, izda hija bdiet tirrezisti specifikament b' daqqa ta' sieq il-parti privata tal-attakkant u b' hekk ma rnexxilux jigdimha stante huwa ma halla l-ebda marka fuq sidirha (a. fol 68). Hija kompliet biex tghid li wara li irribattietu, dan dahhal idu taht il-libsa biex jittanta jmiss il-parti genitali taghha, fejn hija irrispondiet billi imbuttatu (a fol. 68).

Illi l-attakkaant irrisponda billi imbuttaha ma' hajt u zammha minn ghonqha filwaqt li dahhal zewgt iswaba f' halqha biex hija tieqaf tghajjat ghall-ajjut (a fol. 68). Hija gidmitu bis-sahha u huwa hawnekk issostni li l-attakkant kompla jipprova jdahhal

[1] Qorti tal-Magistrati datata 23 ta' Lulju, 2014

idu taht il-libsa taghha u dan waqt li hija kienet qed tigdmu bis-sahha (a fol. 76). Meta l-attakkant irnexxielu jiehu l-kontroll lura ta' idejh li kienet qieghda tigdimlu, huwa ingibded lura u allegatament tagha daqqa ta' harta u telaq l' hemm (a fol. 68).

Illi lejn l-ahhar tax-xhieda taghha, *Omissis* sostniet li l-attakkant irnexxielu jmissilha l-parti taghha minn taht il-qalziet ta' taht taghha, mhux car jekk huwx fl ewwel jew fit-tieni attentat li ghamel biex imissilha l-parti genitali taghha. Fl-ewwel attentat mill-attakkant biex imiss il-parti gentiali taghha minn taht il-libsa, *Omissis* tghid li hi kienet taghtu daqqa ta' sieq fil-parti privata tieghu ezatt qabel u imbuttatu malli ghamel dan l-attentat ghalekk huwa difficli li wiehed jikkunsidra li l-attakkant irnexxielu jmissilha l-parti privata taghha minn taht l-hwejjeg ta' taht taghha. Fit-tieni attentat hija issistni li beda jipprova jaghmel dan waqt li hija bdiet tigdimlu zewgt iswaba bis-sahha, liema swaba huwa beda jipprova jiehu lura ghalekk huwa konfliggenti ukoll kif setgha jipprova imiss il-parti genitali taghha u dan minn taht il-hwejjeg ta' taht taghha. Anzi hija tghid li l-attakkant taghha baqa mistaghgeb ghaliex hi mahallietux jaghmel dak li kellu f' mohhu jaghmel.

Illi meta l-Qorti tal-Magistrati ikkowtat il-kaz: 'Il-Pulizija vs. Raisa Mangion,' hija ziedet mad-definizzjoni ta' 'att sesswali' li giet mghoti f' da nil kaz sitwazzjonijiet fejn l-attakkant imiss il-parti genitali tal-minorenni. Ghaldaqstant. huwa stabbilit fil-gurisprudenza lokali li jekk l-attakkant imiss parti genitali tal-gisem tal-minorenni biss u dan minn fuq il-hwejjeg li l-minorenni tkun liebsa dan ma jammontax ghall-att kriminali stabbilit permezz ta' Artikolu 204C ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif gie konkluz mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kaz: ' Il-Pulizija vs. Jesmond Gauci ta nhar it-28 ta' Gunju, 2014.

**Piena**

Illi finalment u dan minghajr pregudizzju ghall-aggravji interposti hawn fuq, jekk dan l-appell ma jimmeritax akkoljiment, umilment l-appellant jissottomessti li fic-cirkostanzi tal-kaz tieghu il-piena ergoata fil-konfront tieghu hija wahda kiefra u mhux destinata ghar-riforma tieghu.

Rat illi nhar l-4 ta' Settemnru 2018 l-Appell gie trattat u l-partijeit talbu li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza.

Rat ili fis-seduta sussegwenti nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (fol. 360) deher Dr. Jason Grima li pprzenta certifikat mediku sabiex jezenta lill-appellant mis-seduta ta' dakinhar.

Rat illi seduta stante din il-Qorti kif preseduta ordnat li l-appellant jigi ezaminat mill-konsulent Psikjatra Dr. Joseph Cassar u ordnatlu jidher quddiemha fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018 biex jirreltaw dwar l-istat mentali tal-appellant.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta Novembru 2018 deher Dr. Joseph Casar u pprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala dok JC wara li halef il-kontenut tieghu.

Minn ezami tar-rapport u appuntu mill-konkluzjonijeit raggunti minn dan l-istess espert jirrisulta s-segwenti:-

a. Illi l-appellant ibati minn problemi ta' ansjeta li gejjin minn problem psiko-socjali gewwwa daru s-Sirja.

b. Waqt l-imsemmi allegat incident jidher li l-appellant xorob ammont ta' alcohol iktar milli suppost jixrob, u jista' jkun li kien iktar disinhibit mis-soltu. Madankollu ma jidhirx li qatt kellu problema ta' genn hekk kif determinat fil-Kodici Kriminali Malti.

c. Li l-appellant jifhem il-kawza ghalfejn qed jappella u ma hemm l-ebda raguni psikjatrika li setghet affettwat il-fatt li hu jichad l-akkuzi li minhabba fihom intab hati.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta Novembru 2018 din il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat,

Fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Struttorja wara li nqraw u kkonfermaw bil-ġurament

iċ-ċitazzjoni l-Uffiċjali Prosekuturi preżentataw numru ta' dokumenti. F'dik is-seduta kien ġie nominat interpretu peress li l-imputat ta' Nazzjonalita Sirjana ma jifhimx u ma jitkellimx la bil-lingwa Maltija u lanqas dik Ingliża.

Fis-seduta ta' nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil** fejn spjega li fil-bidu ta' dan ix-xahar kellu rapport dwar attentat vjolenti għal pudur fuq waħda mara ġewwa s-Swieqi. Jgħid li ressaq lil imputat b'arrest fuq dak il-każ u kien ammetta l-akkużi u huwa u ħiereġ l-imputat kien hemm xi ħadd tal-press ġibed filmati tal-imputat ħiereġ mill-Qorti. Jgħid li eventwalment ġie avviċinat minn *Omissis* flimkien ma' ommha *Omissis* fejn infurmawh li ġralhom l-istess fil-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena li għaddiet. Jgħid li infurmawh li għarfuh minn fuq il-filmat hu u ħiereġ mill-Qorti. Jgħid li bagħat għalihom u ħadilhom dikjarazzjoni l-uffiċju tiegħu fejn huma spjegaw fid-dettal dak li kien ġara lilhom. Jgħid li staqsihom x'kien liebes u qalu flokk blu b'xi strixxi bojod u li x'aktar kien liebes jeans u qmis minn taħt. Iżda ma enfażizzawx wisq dwar il-jeans. Qalet li *Omissis* ta' sittax (16)-il sena kienet qiegħda ġewwa Baystreet mal-ħbieb tagħha, krew kamra bejn il-ħbieb, għamlu *private party* fil-kamra tal-lukanda umbagħad għal ħabta tas-siegħa u nofs, is-sagħtejn ta' filgħodu ddeċiediet li tmur lura lejn id-dar u hi u sejra lejn id-dar billi toqgħod Pembroke, għaddiet minn Baystreet, nieżlet lejn il-bajja ta' San Ġorġ, telgħet it-telgħa l-wieqfa li hemm fejn l-ITS u bdiet dieħla lejn Pembroke fejn hemm ir-roundaboud li tagħti għal triq il-Mediterran u kisret mill-ewwel lejn ix-xellug. Bdiet tinduna li xi ħadd kien qiegħed isegwiha u bdiet tisimgħu qisu jċekċek xi ħaġa u kellu qisu xi ħaġa mdendla f'idejħ qisu bħal *keychain*. Qaltlu li kienet dubjuża minn dak li kien qiegħed jiġri peress li ma kinitx ċeerta jekk kien qed isegwiha jew le. Għalhekk iddeċiediet biex minn din it-triq tmur fi triq *parallel* magħha pero' biex tagħmel hekk kellha tgħaddi minn ġo ġnien pubbliku, marret fi Triq parallel u fil-fatt dan baqa' jimxi warajha. Jgħid li ma kinitx rotta li n-nies normalment jgħażlu meta jkunu sejrin għal karozza tagħhom allura aktar bdiet tibża'. Jgħid li bdiet tħaffef il-pass u bdiet tgħaġġel iktar. Xehed li kif waslet f'punt

fejn hemm is-San Giorgio Pharmacy faċċata tagħha hemm xi skips minn dawn ta' fejn titfa' l-iskar magħżul, hemmhekk hu ġibidha mill-kowt tagħha u staqsiha minn fejn biex imur għal Ħamrun. Hi qaltlu jekk trid tmur għal Ħamrun inżel fejn il-bajja u sib Taxi minn hemmhekk. Hu qalilha '*issa ddejjaqt tibghatuni minn naha ghal ohra*', qalilha li ġia' r-raba waħda jew il-ħames waħda li saqsa u kellhom diskussjoni f'dak ir-rigward, hi darhet u telqet ma tatx kasu. Imxiet ftit ieħor, waslet fil-kantuniera u qasmet it-triq. Xehed li dak il-ħin hi u taqsam it-triq hu qasam magħha, ħaffef iktar il-pass minnha u beda jdur f'ċirku madwarha, beda jagħmel ċrieki madwarha. Dak il-ħin hi ħaffet il-pass iktar, pruvat taħrab minn miegħu, kienet waslet fil-bidu tat-triq San Ġorġ Preca li tinsab ġo Pembroke stess u fil-kantuniera eżatti kif qabdet Triq San Ġorġ Preca hu rasha mal-ħajt ta' parapett tal-ewwel residenza.

Xehed li kienet liebsa libsa sal-għonq magħluq pero' kellha l-parti minn taħt l-għonq sa parti minn sider mikxuf f'dan id-disinn tal-libsa u hu beda jbusha u jagħmel ħalqu ma' din il-parti ta' ġisimha li kienet mikxufa fejn kienet tista' tidher il-laħam ta' ġisimha. Hi bdiet timbuttah u bdiet tgħidlu biex jieqaf. Hu baqa' jirreżisti, daħħal idejħ minn taħt il-kowt u minn taħt id-dublett u mess l-parti tagħha. Hi bdiet tiġġieled miegħu u tissara miegħu fejn fl-aħħar irnexxielha tinqala minn miegħu, tatu xi daqqa u hu tagħha daqqa lura u ħarab minn fuq il-post. Eventwalment marret tiġri d-dar li kienet ftit metri 'l bogħod minn fejn kienet qegħda, daħlet tgħid lil ommha u ommha flimkien mal-partner tagħha ħarġu jfittxu lil dan ir-raġel filwaqt li ċemplu l-Għassa għal assistenza tal-Pulizija. Xehed li kellem lil ommha li spjegat li mid-deskrizzjoni li tatha t-tifla, it-tfila qaltilha li kien libes flokk blu b'xi linji bojod, qaltilha bejn wieħed u ieħor it-tul tiegħu, qaltilha ukoll li spjegalha li ried imur il-Ħamrun u li meta kellmithu qal li qed iħoss il-bard. Ommha u l-partner tagħha bdew iduru bil-karozza, sabu lil wieħed ġuvnott jaqbel mal-istess deskrizzjoni li tathom it-tifla li kien qiegħed fuq il-*bus stop* fejn l-ITS jitkellem ma' tfajla oħra. Qal li l-omm qalet li kif waqfet biex tkellmu, it-tfajla ħarbet tiġri u hi staqsietu jekk għandu bżonn xi ħaġa u qalilha li qed iħoss il-bard u li ried imur il-Ħamrun. Għalhekk f'moħħha kkonfermat li dan kien l-istess wieħed, għarfitu mill-flokk ukoll u ċemplu lil Pulizija

biex jgħidulhom li hemm qiegħed. Hu rnexxielu jaħrab. Eventwalment waslu l-Pulizija fejn kienu qegħdin jfittxuh imma għal xi raġuni jew oħra intilef x'imkien ġewwa Baystreet.

Xehed li sussegwentement meta qalu lix-xhud li kien l-istess wieħed reġa bagħat għalih u arrestah u ħadlu stqarrija oħra fuq il-każ fejn fl-ewwel stqarrija l-akkużat temm li qal bejn l-għaxra (10) u l-ħdax (11) ta' bil-lejl wasal Paceville, wasal ma' ħabib tiegħu, waslu ħabib tiegħu, qagħad idur u jgħaqqad ġewwa Paceville minn bar għall-ieħor, fl-ebda ħin ma kien fil-kumpanija ta' ħaddieħor, kien qed joħroġ minn bar u jidħol ġo ieħor jieħu drinks. Qal li għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu riekeb wieħed mill-vannijiet il-ħomor, ħallas ħames ewro u telaq bih u mar id-dar il-Ħamrun. Hu jgħid li wasal il-Ħamrun għall-ħabta tat-tlieta (3) ta' filgħodu. Staqsieh jekk hemmx xi ħadd ieħor jgħix miegħu fl-istess residenza u hu stqarr li kien hemm persuna oħra tgħix miegħu fl-istess residenza iżda meta wasal id-dar kien rieqed fil-kamra tiegħu u ma rahx. Staqsieh ukoll jekk matul il-lejl iltaqax ma' xi ħbieb li jistgħu jikkonfermaw il-verżjoni tiegħu li kien qiegħed jgħid u hu baqa' jinsisti li ma ltaqa' ma ħadd u qatta l-lejl kollu waħdu. Xehed li għamel *search* fir-residenza tiegħu fejn sab qmis u flokk li allegatament kien liebes dak il-lejl. Ġew esebiti dawn il-ħwejjeġ u żewġt iċwievet (ċavetta tal-komun u ċavetta tal-flat) li hi eżatt kif iddieskriviet il-vittma li għandu qisu katina xi ħaġa mdendla. Hu qal li ma kienx qed jifhem sewwa u xtaq l-interpretu. Għalhekk ġablu l-interpretu. Huwa għamel referenza għall-istqarriji ġia esebiti.

Xehed li fit-tieni stqarrija staqsieh jekk jagħrafx il-ħwejjeġ li kien liebes pero' hu beda jgħid li ma jiftakarx x'kien liebes pero' żgur li ma kienux dawk. Staqsieh kif inhu żgur li ma kienx liebes dawk u baqa' mingħajr tweġiba. Staqsieh u urieħ mis-sistema tal-kompjuter tal-uffiċju mappa għax beda jgħid li ma jafx fejn hu Pembroke. Urieħ *google maps*, u qal li kien fejn hemm ix-Shisha bar x'imkien viċin fejn l-ex Fuego u qal fejn il-bajja ta' San Gorg u ma jafx iktar miinn hekk. Jgħid li urieħ fuq *google maps* ir-rotta li għażlet din it-tfajla l-allegat vittma fejn waqqafha, fejn kellimha u fejn sar l-attentat vjolenti għal pudur fuqha u qal li l-ebda post minnhom ma jagħraf, l-ebda

post minnhom ma jaf. Jgħid li u ċaħad kategorikament li qatt daħal ġewwa Pembroke. Qal li dar l-post, ir-rotta fejn allegatament seħħ dan l-inċident u ġewwa waħda mit-toroq jekk mhux sejjer żball ta' Triq Mikielang Grima identiifikaw li kien hemm CCTV. Kellmu lis-sid, is-sid daħal fis-sistema tac-CCTV u fuq is-CCTV sabu persuna taqbel mad-desrkrizzjoni tal-imputat perfettament, jgħid li ic-cd huwa mmarkat bħala Dok. JB4 u hemm sitt (6) still images li hemm minnhom li jidhru t-tnejn li huma fl-istess ritratt li jindika li kienu qegħdin viċin ħafna ta' xulxin. Xehed li jidher ukoll li kien liebes l-istess flokk illi esebixxa. Huwa affaċċah b'din il-biċċa xogħol dakinhar stess li ressqu bl-arrest u qal li mhux hu.

Fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PS153 Lydon Zammit** li qal li fit-tlieta (3) ta' Jannar ta' din is-sena ġew infurmati mill-Ispettur Matthew Spagnol, ġie infurmat ukoll l-Ispettur fil-preżenza tax-xhud li waqt li ressaq bniedem fit-tnejn (2) ta' Jannar minħabba li kien hemm l-istazzjonijiet televiżi qed jiġbdu kien hemm persuna li għamlet rapport ġimgħa qabel li għarfitu minn fuq it-televiżjoni u qed tgħid li l-allegat aggressur huwa l-istess wieħed. Fl-erbgħa (4) ta' Jannar inġiebet il-persuna, l-allegata vittma d-Depot tal-Pulizija fejn ittieħdet id-dikjarazzjoni mill-ispetturi Matthew Spagnol u Joseph Busuttil fejn minħabba li mbagħad kien hemm impenji oħra hu kien wara ingħata struzzjonijiet minnhom biex iġib ritratti mil-fotografija tagħhom flimkien ma' ritratti tal-persuna ukoll talli qed jgħidu li kienet l-istess persuna biex tara jekk tagħrafhomx. Din saret fl-uffiċju tal-Ispettur Joseph Busuttil fl-erbgħa (4) ta' Jannar u prezenta r-ritratti tal-persuna li għaraf, li kien hemm u tal-persuna wkoll li kienet inkluż ta' *Omissis* li l-allegata vittma għarfithom. Ġew esebiti sittax (16)-il ritratt. L-allegat aggressur jidher fir-ritratt b'ċirku man-numru 4.

Xehed li l-għada fil-ħamsa (5) ta' Jannar inġieb *Omissis* l-Uffiċċju fejn ittieħditlu stqarrija fejn waqt li kien fil-preżenza tagħhom saret *inspection*, tfixxija fir-residenza tiegħu li hija 11, 'St. Helen Flat', Flat 2, Triq Patri Magri, Marsa minħabba l-ħwejjeġ li l-allegata vittma kienet qalet li kien liebes. Fil-gwardarobba fejn indika li hi l-kamra tiegħu sabu qmis bajda u *pullover* blu bir-rigi li kienet tat deskrizzjoni l-vittma li kien

liebes. Dawn ittieħdu mill-pulzija fl-*inspection*. Qal li kien parti mill-investigazzjoni meta marru fl-area fejn il-vittma kienet qed tgħid li kien hemm sar l-allegat abbuż fejn din in-naħa ta' Pembroke lejn in-naħa tal-ITS, fejn innutaw jekk kienx hemm CCTVs fl-area u nnutaw li kien hemm xi residenzi kemm fit-Triq William Harding u kemm fit-Triq Patri Francesco Wizzino fejn ingħataw, imbagħad kellmu lil tal-Forensic biex imorru fir-residenzi biex jieħdu c-CCTVs mingħandhom. Xehed li l-vittma tagħthom ukoll il-mappa ta' fejn ġara u għaddiet hi fl-inċident, il-libsa li kienet liebsa hi, ritratt tagħha u anke l-ġlekk, il-kowt li kienet libsa. Huwa ma kienx preżenti waqt l-istqarrija.

Qal li waħda mir-residenti infurmathom li kien għadda ż-zmien mill-inċident, ra CCTV li nġabret mill-forensic fejn irriżulta li fil-ħin li l-vittma bdiet tgħid li għaddew minn hemm irriżulta l-vittma u '*just seconds wara hemm ghadda wkoll l-allegat aggressur tant li kienu vicin tant li fuq il-computer fuq il-monitor gew fl-istess screen, fl-istess shot il-vittma u l-agressur li qed jimxi warajha*';

Fil-kontro-eżami qal li ma daħalx rapport lilu iżda daħal l-Għassa. Qal li ġie infurmat l-Ispettur Joseph Busuttil mhux bir-rapport innifsu imma l-persuna kienet għarfet. Meta mistoqsi '*lilek qed nghid, meta*' wieġeb fit-tlieta (3) ta' Jannar, il-Ħadd. Mistoqsi jekk l-imputat jgħix waħdu qal li ma setax jiddentifika iżda kien hemm ħwejjeġ oħra. Qal li fil-kamra tiegħu ma nstabux kwantitia' kbira ta' ħwejjeġ u fil-kmamar l-oħra instabu xi ħwejjeġ iżda ma jistax jgħid ta' min huma. Ikkonferma li l-imputat qal li ma jgħix waħdu. Ma skopriex min hi l-persuna l-oħra. Xehed li fit-tnejn (2) ta' Jannar kien tressaq il-Qorti u meta ġie eskortat lejn il-Ħabs, fejn huma jitolbu l-persuna qrib tiegħu iġiblu l-ħwejjeġ, hu kien tagħhom lil din il-persuna, ma jiftakarx isimha li qal li tgħix miegħu u ġġiblu l-ħwejjeġ. Fil-ħamsa (5) ta' Jannar meta reġa għamel kuntatt u mar il-Ħabs ġie nfurmat li dan il-persuna qatt ma ġablu u talbu lix-xhud iġiblu ħwejjeġ hu. Huwa kkonferma li dokumenti LZ16 sa LZ21 huma d-dokumenti li wrew lil vittma. Qal li hemm aktar ritratti, hemm tmien persuni.

In ri-eżami huwa spjega kif inhu l-appartament. Qal li kien l-imputat li indika l-

kamra tiegħu tas-sodda. Huwa fl-ebda ħin ma qal li jaqsam il-kamra tas-sodda ma xi ħadd.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet ***Omissis*** permezz tal-proċedura tal-video conferencing li qalet li fiż-żmien tax-xhieda kellha sittax (16) il-sena u qalet li se tagħlaq sbatax (17) ix-xahar li ġej. Mistoqsija kif qattat lejliet il-Milied, qalet li kienet f'lukanda Bay Street ma' sħaba fejn għamlu sas-saghtejn neqqsin kwart (1:45) hemmhekk u bdiet tiela d-dar dak il-ħin. Qalet li toqgħod Pembroke, hija għamlet referenza għal mappa li għamlitha hi. Qalet li bdiet tiela' minn Triq William Harding, għaddiet mill-bajja ta' San Ġorġ u bdiet tiela' t-telgħa u ġiet fi Triq William Harding it-telgħa l-wieqfa. Qalet li hemm taraġ fi Triq Burma, tgħid li sakemm kienet tiela' t-telgħa ma kienitx taf li hemm xi ħadd warajha. Qalet li meta' bdiet tiela' Triq William Harding innutat li kien hemm raġel qed isegwiha qalet li setgħet titla minnha u tasal id-dar imma ddeċieidet li taqsam u titla′ t-taraġ biex tara jekk dan ir-raġel huwiex isegwiha jew għax għandu l-karozza pparkjata hemm. Ikkonfermat li ġieli tuża din it-triq. Telgħet it-taraġ u kien qisu tlett (3) metri l-bogħod minnha. Hi għamlet referenza għal pjanta u qalet li meta waslet ħdejn il-line il-blue innuutat li beda javviċina iktar viċin lejha. Qalet li fejn hemm 'X' hemm San Giorgio Pharmacy. Qalet li hemmhekk l-aktar li resaq lejha viċin u hi ma ippanikjatx daqshekk dak il-ħin għax kellu qisu ċavetta b'key chain magħha u ħasbet li għandu l-karozza għax meta jinżlu n-nies Paceville jipparkjaw il-karozza ħafna hemmhekk. X'ħin waslet ħdejn l-iskips ta' Pembroke ġibidha l-ewwel darba mill-kowt. Hija rreferiet għar-ritratt tal-kowt u l-libsa li kienet liebsa. F'ritratt LZ18 tidher il-libsa u l-kowt huwa f' LZ19 li kienet liebsa u li tathom lis-Surgent Lydon. Hi qalet li hi stess pprintjat ir-ritratti. Il-mappa preparata u printjata hi ukoll u tgħid li għaddietha lill-Ispettur Lydon ukoll.

Qalet li l-kowt kien itwal mill-libsa u li l-ġibda kienet min naħa tal-lemin. Qalet li ġibidha u staqsiha li hu mitluf u jixtieq imur il-Ħamrun. Hu kellimha bil-Malti imma kellu ton Għarbi. Staqsiha minn fejn jgħaddi biex imur għal Ħamrun u tagħtu direzzjoni biex jinżel Triq Burma u isib it-taxis hemm il-*White cabs* u dak il-ħin

kompliet miexja 'l fuq. Hu reġa ġie jiġri warajha u ġibidha *u 'Qalli please, please ghini ghax qed inhoss il-bard.'* Fejn reġa ġibidha t-tieni darba fi Triq Burma hemm marka bl-isfar, it-tielet marka fuq il-mappa. Hi reġgħet tagħtu d-direzzjoni. Qalet li dak il-ħin beda jdur qisu fil-vojt, kien jidher li *'l-persuna kien qieghed fis-sakra. Ma kienx qieghed one hundred percent (100%).'* Tgħid *'Għax beda jaqgħqad u jdur fil-vojt.'* Tgħid li kif ratu qed jaqgħqad mexiet lejn id-dar, ħaffiet ħafna iktar il-pass għax dak il-ħin bdiet tibża' minn x'seta jiġri u minn hemmhekk telaq jiġri u tefgħaha fejn hemm 'x' bl-aħmar fuq il-mappa. Qalet li huwa l-ewwel parapett fit-triq tagħha. Qalet li *'dak il-hin tefghani u rassni mal-parapett hu.'* Qalet li beda jigdimha ghax kif jidher fir-ritratt il-libsa għandha qisu djamant miftuh, beda jigdimha u hi nġibdet lura biex ma jigdimiex tgħid li kellha xi marki hemmhekk. Qalet li dak il-ħin tagħtu daqqa bi rkoppa. Tkompli *tgħid 'Issa mbaghad hemm dahhal idu minn taht il-libsa u qabadli l-parti tieghi.'* Mistoqsija mill-*Qorti 'Minn isfel jigifieri?'* wieġbet *'Ijja minn taht il-libsa.'* Kompliet *'issa hemm minn hemmhekk jien tajt hawn imbuttajtu.'* Tkompli tixhed li *'U kif imbuttajtu qabadni minn ghonqi. Jien bdejt nghajjat ghall-ghajjut u kif hu zammni minn ghonqi dahhal subajh go halqi. Issa minix certa imma ta' liema idejn kienet li dahhalli. Dak il-hin ezatt hu hares f'ghajnejja jigifieri hu kien konxju x'qieghed jaghmel'* Kompliet tispjega *'Ghax hares jigifieri dirett f'ghajnejja. Hemm dak il-hin dahhal subajh f'halqi, jien gdimtu gidma sew u hu beda jipprova jigbed subajh imma jien komplejt hemm naghfaslu idejh b'halqi u hareg idejh ha qisu xokk il-mod kif jien hemm komplejt miehu ghax jiena ovvjament ma komplejtx. Tani daqqa ta' harta u telaq l'hemmhekk. Jien dak il-hin tlaqt nigri lejn id-dar'* Tgħid li peress li kellha żewġ basktijiet, basket kbir għax peress li kienet fl-lukanda kellha pygama u l-affarijiet tagħha kollha u kellha basket żgħir ieħor iswed. Tgħid li l-mobile kien ġo fih allura dak il-ħin ma setgħetx qisha taqbad għax jekk tkun miexja u jaraha mal-ewwel jissuspetta li qisha qed tissusspetta ħażin fih.

Xehdet li telqet tiġri lejn id-dar u bil-ħasda u l-qatgħa li kellha u tant kemm bdiet tibki ma felħietx toħroġ iċ-ċwievet u ħabtet, daħlet fid-dar u tat deskrizzjoni eżatt kif rat lilu lil ommu. Qalet li ommha fetħet il-bieb.

Qalet li lil ommha qaltilha meta kienet bil-wieqfa indunat kemm hu iqsar minnha,

tgħid li kien jasal qisu sa taħt in-nuċċali jew imnieħra. Tgħid li kien raġel irqiq u qasir. Kien liebes pulit, kellu flokk, kellu qmis bajda minn taħt u polo blu bir-rigi bojod. Tgħid li r-rigi bojod kienu naqra ikbar minn xulxin, kienu differenti, kien liebes żarbun iswed u qalziet pulit. Kellu xagħru '*minn hawnhekk qasir u minn fuq kien iktar ippetnat 'l fuq pulit.*' Qaltilha li kien qed iħoss il-bard u li ried imur il-Ħamrun u t-triq li għadda minnha u qalrilha dak li xehdet.

Xedhet li hi daħlet id-dar tinħasel u ommha ħarġet tfittxu mal-partner tagħha *Omissis*. Qalet li ħaslet ħalqa għax dak il-ħin ħassitha qisha persuna maħmuġa peress li daħħal subgħajh f'ħalqa. Tgħid li ommha u l-partner sabuh quddiem l-ITS, qalet li dak il-ħin ċemplitilha u qaltilha li dan qiegħed ma tfajla oħra. Qalet li qaltlu fejn sejjer u qalilha l-Ħamrun u qal li qed iħoss il-bard. Ommha rat karozza tal-pulizija u marret tgħidilhom x'ġara. Qalet li hi kienet għada d-dar ma oħta u ma kinitx taf x'qed jiġri barra, imbagħad ġiet ommha u ġew il-Pulizija u interrogawha d-dar. Qalet li marret l-Għassa ta' San Ġiljan u qaltilhom xġara u kitbu kollox.

Qalet li l-Pulizija wrewa xi ritratti ta' nies diġa’ barranin li hemm il-Ħabs u saqsewha biex tiddentifikahom imma hu ma kienx hemm u marret id-dar. Qalet li kienet id-dar ħierġa ma ommha u fuq it-televiżjoni kumbinazzjoni tellgħu li ressqu persuna u ommha għarfitu, għajtitilha u qaltilha li dak hu u dak il-ħin ċemplu lill-Ispettur Spagnol. Kelimitu ommha u qaltlu li l-persuna li attakaha kien Najm li rawh fuq it-televiżjoni. Hija għarfet lill-imputat.

Qalet li ma kelliex bżonn għajnuna wara l-każ iżda ġieli bil-lejl ħa torqod u toħlom fuqu. In kontro-eżami qalet li twieldet fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u disgħa u disgħin (1999), ġiet mistqosiaja biex tqum bil-wieqfa, qalet li '*one and a half inch ohra nkun six (6) foot*' u qalet li ma għandhiex idea kemm tiżen. Mistoqsiha kif qabadha minn għonqa wieġbet li b'idejh u peress li tagħtu daqqa u hu prova u daħħal idejh qabad il-parti tagħha, peress li għajtet għall-għajjut ħatafha minn għonqa u kif ħatafha minn għonqa daħħal subgħajh f'ħalqa biex hu jkompli. Qalet li mbaghad neħħa jdejħ minn għonqha u kompla jipprova jdaħħal idejh minn taħt il-

libsa. Tgħid li żamma sew minn għonqa, ikkonfermat li tagħha daqqa ta' ħarta, tgħid li '*bil-pala taghni,*' Qalet li ma għandheix idea liema naħa imma b'saħħitha kienet fuq ic-*cheek*. ikkonfermat li meta marru ommha u l-partner iduru hi ma kinitx magħhom u għalhekk dak li rrakontat x'ġara li ommha rat tfajla u affarijiet dawk qalithomlha ommha.

Ikkonfermat li ommha ratu l-ewwel fuq it-televiżjoni u għajtet lilha u kif reġgħu ġabuh staqsietha jekk huwiex hu u qalet li hi mal-ewwel għarfitu. Tgħid li l-kuntatt fiżiku damm qisu tlett (3) minuti jiprova u sadanittant bdiet tiprova tiddenfendi ruħha u ttih biex jieqaf biex jinġiebed lura hu. Qalet '*jipprova jiġifieri jigdimni u jdahhal idejh minn taht il-libsa.*' Qalet li '*qisu three (3) to five (5) minutes*' Hija kkonfermat li l-libsa ma tqattatx u baqgħet intatta, lanqas il-kowt. Ikkonfermat li l-libsa tinqafel b'żewġ kurketti minn wara, ma tafx jekk wieħed jew tnejn. Spjegat li hi ma nbuttatux imma peress li gidmitu inġiebed lura umbagħad dar lejha u tagħha daqqa ta' ħarta u telqet lejn id-dar. Qalet li hu kellimha meta beda jgħid li qed iħoss il-bard iżda meta ġie fuqha u tefgħaha maċ-ċint ma kellimhiex kemm ħares dirett f'għajnejha u qabadha minn għonqa. Qalet li gidmitu meta daħħal żewġ idejn, umbad kjarifikat li żewġ subghajn daħħal f'ħalqa, ma tafx ta' liem idejn, tgħid li l-*index* u l-ieħor. Qalet li tatu gidma sew. Qalet li waqt li kellu idejh f'ħalqa xorta reġa prova jdaħħal idejh minn taħt il-libsa allura gidmietu biex jieqaf. Qalet li t-tul tal-libsa kienet sa' nofs il-koxxa u l-kowt qisu sal-irkoppa jew naqra iktar 'l fuq.  Mistoqsija '*hemm lahaq mess sal-koxxa?*' wieġbet '*Le dahhal idejh jigifieri anke minn taht il-qalziet ta' taht u miss il-parti tieghi.*' Mistoqsija mill-*Qorti* '*Okay, jiġifieri miss il-gilda?*' Wieġbet '*Ezatt.*'

In ri-eżami spjegat li '*hdejn l-iskips qalli li jrid imur, li qieghed mitluf u li jrid imur hdejn id-dar hawn li jrid imur il-Hamrun u mbaghad meta tela' 'l fuq idur fil-vojt u rega' staqsini li qed ihoss il-bard u qalli haga ohra li nsejt nghidlek.*' Qalet ukoll li qalilha '*li gbajtu titnejku bija u hames (5) min-nies ohra qablek li tellghuni u nizluni ndur go Pembroke.*' Qalet li mill-aċċent indunat li ma kienx Malti għax għalkemm kien jitkellem bil-Malti kellu aċċent ta' persuna Għarbija.

Fis-seduta ta' nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed l-**Ispettur Matthew Spagnol** li qal li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ġie infurmat li kmieni filgħodu dakinhar stess kien hemm każ fejn raġel mhux magħruf kien segwa lil waħda *Omissis* fi Triq Burma ġewwa Pembroke u kien sfurzaha ma' ħajt u mmolestaha. Qal li hu tkellem ma' *Omissis* omm *Omissis* fejn fehem li kellhom deskrizzjoni dettaljata tal-aggressur u b'hekk għamlilhom appuntament mas-Sezzjoni tal-Forensika biex jagħmlu *E-Fit* tal-aggressur Dan l-appuntament kien fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016). Huwa bagħat ukoll pulizija fuq il-post fejn l-istage tal-linja tal-ITS fejn *Omissis* qalet li għarfet lir-raġel pero' dawn qalulu li ma nstabet ebda camera f'dawk l-inħawi. Fl-ewwel tas-sena fis-siegħat bikrin ta' filgħodu seħħ każ ieħor simili fejn raġel kien segwa mara waqt li kienet mixja lejn id-dar tagħha s-Swieqi u mmolestaha. Dan ir-raġel ġie arrestat u iddentifikat bħala *Omissis* li huwa għaraf fl-Awla. Huwa ġie magħraf bl-akkadut u kkuntatja lill-Ispettur Joseph Busuttil tal-Vice biex jagħmlu l-invesitgazzjoni flimkien. Jgħid li *Omissis* tressaq il-Qorti fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016).

Jgħid li l-ġurnata ta' wara jiġifieri fit-tlieta (3) ta' Jannar għal ħabta ta' bejn id-disgħa u l-ghaxra irċeiva telefonata mingħand *Omissis* fejn infurmatu li l-persuna li kienu ressqu l-Qorti l-ġurnata ta' qabel kienet l-istess persuna li kienet immolestat lil *Omissis* fil-Milied tal-elfejn u ħmistax (2015) u għarfitu peress li ġabu wiċċu fuq l-aħbarijiet. Huwa infurma lill-Ispettur Joseph Busuttil fuq l-iżvilupp u flimkien ltaqgħu mal-vittma, kif ukoll għamlu search fil-fond fejn jirrisjedi *Omissis* u hemm sabu flokk irrigat blu bl-abjad u sett ċwievet li dawn jaqblu mad-deskrizzjoni li kienet tathom *Omissis* tal-aggressur tagħha dakinhar tal-inċident. Kienet ititeħdet stqarrija minnu u mill-Ispettur Joseph Busuttil ta' *Omissis*. Huwa għaraf il-firma tal-Ispettur Busuttil u l-firma tiegħu.

Fis-seduta ta' nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet ukoll ***Omissis*** li qalet li għandha żewġt' itfal, *Omissis* ta' sittax (16)-il sena u *Omissis* ta' ħmistax (15)-il sena. Spjegat li kien lejliet il-Milied it-tifla marret ġo lukanda Bay

street u kienu qegħdin jieħdu pjaċir bejniethom. Għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu it-tifla kellha tinġabar lejn id-dar jiġifieri minn lejliet il-Milied qeleb għal Milied. Fis-sagħtejn ta' filgħodu (2:00am) semgħet taħbit kbir u għajjat barra l-bieb ta' barra. Hi fetħet tiġri l-bieb ta' barra u sabet lit-tifla wiċċha aħmar nirien tibki u bdiet tgħidilha x'ġara. It-tifla qaltilha li ragel b'aċċent ta' Għarbi fit-triq tagħha beda jaqbad magħha. Qalet li t-tifla kienet imwerwra u bdiet tgħidlha li kienet tiela' minn Bay Street bil-mixi, qaltilha li ma ċemplitiliex għax rat li kien hemm kullimkien ippakkjat bin-nies. Dak il-ħin qaltilha li bdiet tiela' u kien hemm raġel miexi warjaha u hi *krossjat* minn triq biex tara jekk qed *jiffolowjaha* u dan ir-raġel baqa' tiela' warajha. Qalet li kellu aċċent ta' Għarbi, qasir, liebes flokk irrigat abjad bil-blu u b'keychain f'idejh. Qaltilha li beda jgħidilha li ried imur il-Ħanrun għax qed iħoss il-bard. Dak il-ħin marret mal-partner u qalet lil minuri biex tibqa' ġewwa. Hi kkonfermat li t-tifla għandha ċwievet tad-dar pero' kienu fil-basket għax kellha zewg basktijiet, wieħed fejn kellha l-pygama u l-affarijiet hemm u l-ħwejjeġ l-oħrajn u ż-żarbun u l-handbag. Dak il-ħin imwerwra ma ażżardatx toħroġ la mobile u lanqas ċwievet minn ġol-basket. Spjegat li qaltilha li kien iqsar minnha, kellu aċċent ta' Għarbi, ismar, magħmul żgħir, xagħru kien pulit mtella 'l fuq u liebes flokk abjad irrigat bil-blu. Xagħru kien qasir u ġġeljat pulit.

Spjegat li hi u l-partner ħarġu jfittxuh u sadanittant kienet diġa' ċemplet lil Pulizija. Qalet li kif qbdet in-niżla minn fejn it-tifla qalet li ġie warajha niżlet bil-karozza mal-partner. Hi avviċinat it-triq fejn hemm l-ispiżjar għal fejn l-iskola tal-ITS. Kif waslet quddiem l-iskola tal-ITS rat persuna kif iddeskriviet it-tifla ma' tfajla oħra, għalhekk ma setgħetx tiġġudika dak il-ħin jekk hux hu allura riedet issaqsih mistoqsija biex tara hux hu. Avviċinatu bil-karozza ħdejh u qaltlu '*sabih fejn trid tmur inti?*' Huwa qalilha li ried imur il-Ħamrun u qed iħoss il-bard. Il-flokk li qaltilha t-tifla, id-deskrizzjoni, aċċent ta' Għarbi. Qaltlu li kien hu li qabad mat-tifla u dak il-ħin ħareb. Telgħet il-karozza tal-RIU mit-telgħa il-wieqfa ta' San Ġorġ. Waqfet il-karozza tal-RIU, rikbet magħha biex turihom min kien. Għamlu kważi siegħa jiġru bil-karozza tal-RIU u dak il-ħin ma nstabx. Huma wasluha d-dar u daħlu żewġ (2) pulizija tal-

RIU d-dar biex jinterrogaw it-tifla.

Tgħid li '*Sadanittant it-tifla kienet mahsula, inhaslet ghax bdiet tibki qaltli mummy mahmuga, qed inhossni mahmuga hafna*' u l-pulizija staqsewha biex toħroġ biex ikellmu t-tifla u t-tifla qalet li riedet titkellem quddiemha u hi spjegat x'ġara u ma ġarax fil-preżenza tagħha. Minn hemm reġgħu ċemplu karozza tal-RIU oħra mad-driver li kien hemm għax il-partner tagħha rah fejn l-InterContinental. Iltaqa' ma' karozza tal-RIU oħra pero' mbagħad intilfu għax dan il-persuna tela' t-telgħa ta' Santa Marija ta' Bay Street u *dik one way* ma setgħux jtilqgħu warajh, imma hu bil-mixi setgħa jitla'. Huma reġgħu wasluha d-dar għax kienet reġhgħet telgħet magħhom u mexew mal-proċedura skont kif bid-depot u marru jpinġuh u qalilha li jekk isibu xi informazzjoni jikkuntatjawh. Ikkonfermat li marru d-depot biex jagħmlu *E-Fit*. Għamlitu t-tifla umbagħad hi separatament mhux flimkien umbagħad għajtulhom biex jiddentifaw minn fuq il-kotba li hemm id-depot pero′ ma sabuhx. Fit-tnejn (2) ta' Jannar kienet qiegħda tagħmel il-makeup tara l-aħbarijiet li raġel ġie mressaq u akkużat b'attentat ta' stupru fuq tfajla, fuq mara mis-Swieqi, ħarset u rat lill-istess persuna ħiereġ mill-Qorti u dak il-ħin stess reġgħet ċemplet l-Għassa. Kien l-istess wieħed li rreferiet għalih fejn l-ITS. Ċemplet l-Għassa ta' San Ġiljan u qaltilhom li dak huwa l-persuna li kienet qiegħda tfittex u reġgħu marru d-Depot, ġew interrogati kemm hi u t-tifla u minn hemm għarfu li kien hu.

Ikkonfermat li t-tifla ratu dak il-ħin fuq it-televiżjoni u ixxukjat ruħha qalet '*le mummy dak hu, dak hu, dak hu l-mummy.*' Ix-xhud għarfet lill-imputat fl-awla. Qalet li kien liebes qmis minn taħt, *pullover* flokk blu b'linji bojod fih u linji kienu dejjem qed jikbru. Tgħid li flietu tajjeb qabel ma kellmithu. Ġiet murija sett ta' ritratt u identifikat il-flokk li kien liebes. Hi għarfet it-tifla tagħha f'Dok JB7 u l-flokk f'JB10.

Fis-seduta ta' nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed ***Omissis*** fejn huwa qal li huwa l-partner ta' *Omissis* u qal li jgħixu flimkien. Ikkonferma li *Omissis* għandha żewġt'ibniet, *Omissis* u *Omissis*. Irrefera għal ġurnata tal-Milied għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (2:00am) fejn *Omissis* rritornat lura d-

dar tiġri, ġiet tħabbat il-bieb, tikbi u tgħajjat. Qamu, staqsew x'ġara u qaltilhom li '*gie ragel prova jattakkani, attakkani u ddeskrivitilna kif inhu dan ir-ragel all right.*' Xehed li ddeskrivitu bħala li għandu flokk bil-lines bojod, blu u lingwa mhux Ewropea, Għarbija u daħluha 'l ġewwa u qadet ma oħtha u huma niżlu jfittxuh. Qaltilhom li mhux twil, statura medja, qasir u qalet li kien joqgħod il-Ħamrun ried imur għax qed iħoss il-bard qalet. Qaltilhom li kien liebes flokk blu bil-lines bojod u kellu qmis imbagħad wara rah bil-qmis barra u l-flokk. Jgħid li sabuh San Ġorġ fejn l-ITS viċin ta' bus stop fejn hemm it-telgħa int u tiela' minn San Ġorġ hemm telgħa wieqfa. Il-parti ta' fuq ħdejn il-bini tal-gvern.

Xehed li l-partner tiegħu ħarġet tkellmu u staqsietu għalfejn għamlilha hekk u x'ħin bdiet tkellmu qaltlu li ħa ċċempel lil Pulizija u ħarab 'l hemm. Qal li ħdejh kien hemm xi tfajla u jaħseb li sparixxiet. Ftit wara ra karozza tal-mobile, hi rikbet mal-pulizija u hu prova *jiffolowja*. *Omissis* mal-pulizija tal-mobile marru min-naħa u hu mar minn oħra. Jgħid li jaħseb li l-aggressur għaraf il-karozza ħdejn il-Bowling għax kif rah tela' t-telgħa ta' bejn Bay Street. Mar lejn id-dar u marru jagħmlu rapport l-Għassa ta' San Ġiljan.

Ġimgħa wara kien hemm xi każ ieħor is-Swieqi, ma kienx id-dar umbagħad raħ fuq l-Ipad ir-ritratt tiegħu u identifikawh. Reġgħu ċemplu l-għassa mingħalih u minn hemm beda l-proċess. Huwa għaraf lill-imputat fl-awla. Huwa indika JB9 bħala r-raġel bil-ħwejjeġ in kwistjoni għalkemm huma black and white. Huwa għaraf it-tifla f'JB7 '*ghax twila u kienet liebsa hekk.*' Id-difiża rreġistra l-oppożizzjoni għall-linja ta' domandi dwar ritratti esebiti peress li r-ritratti mhux prodotti mix-xhud u qed jintalab jinterpreta l-immaġina fuq l-istess dokument.

Fis-seduta ta' nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **WPC360 Rachel Hand** fejn ġiet murija JB 5 a fol 12 u kkonfermat li huwa l-istess rapport li għamlet fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għal ħabta tat-tlieta u kwart ta' filgħodu meta ġiet tirraporta *Omissis* u ommha l-Għassa ta' San Ġiljan. Hi kkonfermat l-istess rapport u qalet li dak in-nhar tal-

inċident kienet stazzjonata l-Għassa San Ġiljan. Ikkonfermat li hi kienet l-ewwel kuntistabbli li ltaqgħet magħha *Omissis* flimkien ma' ommha u semgħet il-verżjoni tagħhom u għamlet ir-rapport.

Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) reġgħet xehdet ***Omissis*** fejn meta murija flokk esebit fl'atti u mmarkat bħala dok JB 2 iddentifikatu bħala l-flokk li kien liebes meta prova jikkonfronta lit-tifla u kellu qmis bajda taħt. Fl-istess seduta tad-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) reġa′ xehed ***Omissis*** fejn huwa wkoll għaraf il-flok fil-proċess immarkat bħala Dok JB2 bħala l-flokk li kien liebes l-akkuzat u kellu qmis bajda minn taħt simili għal qmis li tidher dok JB1.

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PS 836 Joseph Vella** fejn spjega li nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) ġie infurmat mill-Ispettur Busuttil sabiex jagħmel download ta' CCTV minn ġewwa fond fi Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke. Jgħid li irrikorra fuq il-post fis-sebgħa (7) ta' Jannar u saret id-download tas-CCTV request u nħarġu sett ta' sitt (6) ritratti fejn tidher il-persuna li għamlet ir-rapport u wkoll jidher l-imputat fil-kumplament fl-erbgħa (4) ritratti l-oħra. Spjega li l-filmatt li preżenta huwa ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħinijiet ta' bejn is-sagħtejn neqsin kwart (1:45) u s-sagħtejn u nofs (2:30). Huwa għamel l-istills mill-filmat li ġie elevat mis-sistema tad-DVR li l-ħin huwa reali, il-ħin tad-DVR u l-ħin tal-ġurnata kienu jaqblu. Is-sid tar-residenza u tal-apparat huwa Alfred Mangion. Huwa esebixxa kopja tal-filmat u sett ta' sitt (6) ritratti.

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Alfred Mangion** li kkonferma li joqgħod Pembroke u li għandu sistema ta' CCTV cameras u li ma jiftakarx min ġie jiġbor il-filmat mill-cameras imma kienu żewġ (2) pulizija mid-Diprtiment tal-Forensika.

Skont il-verbal tas-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), ix-xhieda li xehdu fl-imsemmija seduta kellhom jergħu jiġu prodotti fl-

udjenza tal-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) peress li l-interpretu ma kienx preżenti.

Fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PS 836 Joseph Vella** li qal li fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) ġie nfurmat mill-Ispettur Busuttil sabiex jirrikorri ġewwa r-residenza privata fi Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke sabiex jagħmel CCTV download. Huwa rrikorra fuq il-post fis-sebgħa (7) ta' Jannar fid-disgħa neqsin tlettax-il minuta (8:47). Xehed li ġie nnutat li l-ħin tad-DVR jaqbel perfettament mal-ħin reali tal-ġurnata u saret id-*download* tal-filmat bejn is-sagħtejn neqsin kwart u s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (2:30am). Xehed li aktar tard l-uffiċċju inħarġu sett ta' ritratti sitta (6) in total li ġew ippreżentati l-Qorti diġa.

Fis-seduta ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Alfred Mangion** li qal li joqgħod Pembroke fi Triq William Harding fejn ikkonferma li għandu sistema tal-cameras. Muri ritratti JB5 sa JB10 a fol 41 sabiex jikkonferma jekk hux l-istess camera li qed tiġbed, huwa wieġeb '*le, le dawn m'humiex cari imma l-area (...) quddiemi*'. Huwa kkonferma li l-Pulizija talbuh jieħdu l-filmat. Huwa kien rah il-filmat.

In vista tat-talba magħmulha mill-akkużat għal ħelsien mill-arrest, d-difiża telgħet tixhed **Chantelle Hassan** fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn qalet li taf lil *Omissis* għax jiġi mir-raġel tagħha, huwa l-kuġin mar-raġel tagħha. Hija kkonfermat li lesta toqgħod bħala *guarantor* għalih biex jingħata l-Ħelsien mill-arrest. Ikkonfermat li jekk ma joqgħodx għall-istruzzjonijiet hi tkun responsabbli. Hija qalet li ma taħdimx u li għandha tfal tieħu ħsiebhom. In kontro-eżami qalet li r-raġel tagħha jismu Melik Hassan. Mistoqsija '*kif jigu kugini?*' wieġbet li '*ghax dawk joqghodu fl-istess rahal allura kollha jigu minn xulxin*', mistoqsija jekk kuġin bid-demm jiġi minnu jew le, qalet li le dak kollha jsejhulhom kuġini.

Fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed bil-Ġurament **Dr Steven Farrugia Sacco** fejn qal li a tenur tal-verbal tat-tmienja u

għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa ġie appuntat sabiex joħroġ still images tal-partijiet relevanti minn dok JB4 esebit a fol 41 tal-atti proċesswali u sabiex jikkonferma l-kontenut ta' JV 1 u JB 4 huwa identiku. Huwa ħareġ l-istills tal-partijiet relevanti u vverifika li ż-żewġ cd's huma identiċi. Huwa qal li kif jirriżulta mill-informazzjoni fuq elenkata meta data jirriżulta li d-dettal il-kontenut mhux identiku iżda għal dak li jirrigwarda dak li għandu x'jaqsam mal-filmat per se minn fejn ittieħdu l-fotogrammi dawn huma identiċi. Spjega li '*identiku m'huwiex ghax they were burnt at a different time jigifieri jekk wiehed jara teh meta data, the data of the files themselves hemm differenza fil-hin per ezempju. Imma ghal dak li jirrigwarda l-filmat per se minn fejn hadt l-istills dak huwa identiku.*' Bħala differenza fil-ħin spjega li qed jirreferi għal meta ġie stampat fuq ic-cd jew meta ġie rekordjat, imniżżel mid-DVR in kwisjoni imma bħala kontenut tal-filmati huwa identiku għax huwa ra t-tnejn li huma.

Ġie mistoqsi mid-difiża jekk il-filmat tniżżilx aktar minn darba, huwa wieġeb li huwa ma niżżlux allura ma jistax ikun kategoriku fejn jghid iva jew le. Bħala mertu huwa identika l-filmat minn wieħed għall-ieħor. Huwa kkonferma li fl-istills jidhru żewġ persuni, waħda tas-sess femminili u ieħor tas-sess maskili. Spjega li l-ewwel għaddiet persuna li tidher li hija mara u kważi within the same frame jiġifieri sa kemm ħarġet persuna waħda daħlet persuna l-oħra ġo l-istampa li jidher li hija ta' sess maskili. Huwa ma jistax jgħid jekk it-time stamp huwa real time jew le imma żgur li huwa consecutive time jiġifieri '*running after each other u hemm bazikament sekondi*'. Huwa kkonferma li ma kienx hemm kuntatt imma kien hemm żewġ metri bejniethom. Id-difiża rreferiet għal brekjikiet tal-karozza li kienu magħfusin u dwar il-bieba miftuha iżda x-xhud ma setgħax jikkonferma dan. Ġiet esebita r-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco immarkata bħala Dok SFS1 a fol 163.

Ġew preżentati numru ta' rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali għal ħelsien mill-arrest u fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-Qorti Kriminali xehed **Hamadan Najm** li fost affarijiet oħra, xehed li kien lest jagħmel tajjeb għall-imputat f'każ ta' ħelsien mill-arrest.

Fis-seduta ta' nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PS836 Joseph Vella**[2] fejn ġie muri Dok JV1 sa Dok JV7 a fol 133 u 134 u spjega li 'Dok. 133' huwa l-filmat li kienet saret id-download tiegħu minn ġo residenza privata. Ikkonferma li hu stess ġabru u inħarġu dawn is-sitt (6) ritratti li huma xogħol li għamel hu stess il-laboratorju. Huwa provda l-indirizz ta' din ir-residenza.

Fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja.

Fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), xehed **Fr. Maurice Mifsud** fejn huwa kkonferma il-kuntratt mmarkat bħala Dok. JG 1 u għaraf il-firma tiegħu. Qal li qabel kien mikri lil Fahd Najm u bħalissa hemm tnejn oħra. Qal li ma għandux oġġezzjoni li jgħixu kollha hemm u li huwa post li jistgħu joqgħodu erbgħa (4) fih. Huwa xehed dwar il-kuntratt ta' kera.
Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukat Ġenerali u d-difensur tal-appellant.

Ikkunsidrat;
Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza. L-appellant jissottometti li '*fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta' Novembru, 2016 (a fol. 207), l-Avukat Generali indika l-Artikoli li l-Qorti kellha tiehu koniizzjoni taghhom biex tasal biex tagheml il-gudizzju. Il-Qorti sabet lill-appellant hati tar-raba' akkuza izda kwotat l-Artikolu 338(c) liema artikolu la gie kwotat minn l-Avukat Ġenerali u tali artikolu ma ghandu xjaqsam xejn mal-farri ta' dan il-kaz.*'

Ikkunsidrat;
L-artikolu 338(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta taqra '*minn barra l-persuni msemmijin fl-artikolu 62, f'każ ta' rvell jew hemm kbir, jew ta' reat maqbud fil-fatt jew ta' għagħa tan-nies, jirrifjuta, mingħajr raġuni tajba, jagħti l-għajnuna tiegħu, jew jirrifjuta*

[2] Il-verbal a fol 203 datat it-22 ta' Novembru, 2016 jaqra PS 836 Carmel Vella.

*jagħti tagħrif dwar dak li fuqu jiġi mistoqsi, jew jagħti tagħrif jew partikularitajiet foloz, lil min ikun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu;'*

L-Ewwel Qorti sabet l-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-ħames imputazzjoni. Ir-raba' imputazzjoni kienet taqra '*Aktar talli fl-istess data., lok u hin u ċirkostanzi hebbejt kontra il persuna ta' Omissis ID: 95199M sabiex tingurja, idejjaq jew tghamel hsara lil din il-persuna; Art 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*' filwaqt li l-ħames imputazzjoni kienet taqra '*Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza grejt bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b'periklu li tahbat ma' xi hadd u twegghu Art 338 (cc) ta' Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.*' Għalhekk il-Qorti fil-parti disposittiva fost artikoli oħra indikat l-artikolu 339(1)(d) li tirrigwarda r-raba' (4) akkuza. Madankollu l-Qorti indikat l-artikolu 338(c) u mhux l-artikolu 338(cc) f'dak li jirrigwarda l-ħames (5) akkuża (u mhux ir-raba' akkuża kif jissottometti l-appellant fl-appell tiegħu).

In-nota tar-rinviju datata l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) a fol 207 fost artikoli oħra kienet issemmi l-artikolu 338(ċċ) iżda mhux l-artikolu 338(ċ). L-artikolu 338(ċċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra: '*jiġri bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b'periklu li jaħbat ma' xi ħadd u jweġġgħu;*'.

Il-Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza provdiet kif isegwi:

'*Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mil-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta' Novembru 2016 u senjatament l-Artikoli 17, 204C(1)(2)(a), 87, 87(1)(g), 339(1)(d) u 338(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni (...)*'. Għalhekk jirriżulta li l-Qorti rreferiet għall-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fl-imsemmija nota, iżda meta sabet lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni niżlet l-artikolu 338(c) minflokk l-artikolu 338(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk dan l-iżball iwassalax għan-nullita tas-sentenza appellata. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u **<u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'</u>**.* (Emfażi miżjuda);

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Georgia Seguna'</u>**[3] ikkunsidrat li:

*'Illi in linea preliminari, l-appellanta tressaq bhala l-ewwel aggravju taghha n-nullita' tas-sentenza appellata fuq il-premessa ta' nuqqas ta' formalita' sostanzjali fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-appellanta tghid illi meta l-ewwel Qorti sabet htija fil-fatt imputat, indikat l-artikolu 338(11) tal- Kap 9 meta s-subartikolu (11) ma jezistix u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet tiddikjara li rat dan l-artikolu. Huwa evidenti illi l- indikazzjoni tas-subartikolu (11) huwa lapsus tipografiku fl-istesura tas-sentenza. L-artikolu relevanti tal-ligi huwa 338(ll) igifieri l- miniskuli jew il-lowercase tal-ittri LL. Anke waqt id-dettolografar ta' din is-sentenza kienet riskontrata diffikolta peress illi nonostante l- ghazla tal-ittra appozita fuq il-keyboard din xorta wahda titrasmetti ruha b'mod li ftit hemm differenza bejn in-numru "11" u l-ittra "ll". Ma jistghax jitqies illi hemm nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikolu tal- ligi li dwaru kienet instabet htija skond kif mitlub fuq piena ta' nullita' fl-artikolu 382 tal-Kap 9. Dak li dwaru qed tilmenta l-appellanta ma jirravviza ebda nuqqas ta' formalita sostanzjali fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9 u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud'.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Antoine sive David Monsigneur'</u>**[4] il-Qorti dwar nuqqas tal-Qorti milli ssemmi artikolu indikat fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali kkunsidrat li:

---

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju, 2016 (Appell numru:14/2015)
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru, 2013 (Appell kriminali numru: 407/2010)

*'Dana huwa appell tal-Avukat Generali illi qed jeccepixxi n- nullità tas-sentenza peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kkwotatx l-artikolu 41(1)(b) tal-Kap 9 fl-elenku tal-artikoli qabel ma kkundannat lill-appellat. U t-tieni peress illi l- ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-artikolu tal- ligi mibghuta mill-Avukat Generali peress illi meta l-Avukat Generali kkwota l-artikolu 41(1)(b) u cioé t-tantattiv bic-cirkostanza tad-dezistenza volontarja fir-rigward tal-omicidji volontarji ai termini tal-artikolu 221(1)(2), u mhux fir-rigward tar-reat tal-ferita gravi kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.*

*Ikkunsidrat:*

*Ghal dak illi huwa l-ewwel aggravju din il-Qorti ma jidhrilhiex illi n-nuqqas imsemmi mill-Avukat Generali ghandu jwassal ghall-estremi tan-nullità tas-sentenza. Din il-Qorti jidhrilha illi n-nuqqas tal-ewwel Qorti kien biss lapsus u m'ghandux ikollu l-ebda konsegwenzi. Fil-fatt meta l-Qorti tara s-sentenza a fol 15 l-ewwel Qorti tibda billi tghid "Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-sebgha (7) ta' April elfejn u ghaxra (2010) u cioé ..." il-Qorti hawnhekk qed tirreferi ghall-artikoli kollha mibghuta mill-Avukat Generali, inkluz kwindi, l-artikolu 41(1)(b). Il-fatt illi dan l-ahhar artikolu ma giex inkluz fl-elenku li kkwotat l-ewwel Qorti ma jfissirx illi ma ratux u ma tatux il-piz misthoqq. L- Avukat Generali mhuwiex qieghed jilmenta mill-artikli l- ohra gustament ikkwotati u dana u huwa bizzejjed biex jissodisfa l-kwezit tal-artikolu 382 tal-Kap 9.'*

L-appellant fl-appell tiegħu mhuwiex jilmenta li l-Qorti ma semmietx l-artikolu li jikkontempla r-reat u li tniżżel mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-Rinviju iżda qiegħed jilmenta li l-artikolu 338(c) ma kienx kwotat mill-Avukat Ġenerali u tali artikolu ma għandu x'jaqsam xejn mal-fatti tal-każ.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'</u>**[5] ikkunsidrat:

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell numru: 322/2017)

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"***[6] *,* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "***[7]*;* ***"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"***[8] *u ohrajn.)* (Emfażi miżjuda u dettalji tas-sentenżi ċitati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield**[9] ikkunsidrat li:

*Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "Il-Pulizija vs. Mario Agius"*[10] *u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza ċitata tinsab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Ikkunsidrat ukoll li:

*'l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll*

---

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Ġunju, 1994;
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994;
[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Ġunju, 1995;
[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)
[10] Deċiża fit-3 ta' Frar, 1995

*għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li **__mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament żbaljati__**.'* (Emfażi miżjuda)

Fis-sentenza fl-ismijiet **__'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'__**[11] ġie kkunsidrat li: '*pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li taħthom sabet ħtija, għamlet riferenza għall-artikolu 288 (B), li ma jeżistix fil-Kodiċi Kriminali, minflok għall-artikolu 298B li kien ġie indikat lilha fiċ-ċitazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-iżball jirrendi s-sentenza nulla għall-inqas f' din il-parti tagħha għaliex, kif dejjem ġie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon"*[12] *u oħrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza ċitata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Illi għalhekk il-fatt li l-Ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tagħha niżżlet l-artikolu 339(c) li jirreferi għal imputazzjoni li l-appellant ma kienx akkużat biha anke jekk huwa evidentissimu li l-Qorti kienet qiegħda tirreferi għall-artikolu 339(ċċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta relatata mal-ħames (5) imputazzjoni[13], iwassal għan-nullita tas-sentenza iżda mhux tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' mhux mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mil-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza

---

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell numru 97/2006)

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005

[13] mhux mar-raba' akkuzi kif jindika l-appellant fl-appell tiegħu meta jissottometti li 'il-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-raba' akkuza izda kwotat l-Artikolu 338(c) (...)'

appellata.[14] Din il-Qorti għalhekk qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant għar-raġuni spjegata f'din is-sentenza, tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[14] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield deċiża nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)